MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 337/2012

Il-Pulizija
(Spettur Maria Stella Cutajar)
vs
**Mirko Giannetti**
iben Antonio, imwieled Pieta' fil-25 ta' Novembru, 1988,
detentur tal-karta ta' l-identita' numru 549288(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Mirko Gianetti, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fis-27 ta' Marzu, 2011 ghal habta tal-2355 hrs fix-Xatt San Gorg, Birzebbugia u fi Triq Ghar Dalam, Birzebbugia -

1. waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EVO-829 naqas li jobdi minnufih kull ordni, indikazzjoni jew sinjal moghti jew maghmul mill-Pulizija cioe' minn PS 853 F. Sciberras sabiex jitmexxa t-traffiku jew ghal kull raguni ohra fit-twettiq ta' dmirijietu;

2. saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EVO-829 b'velocita' eccessiva;

3. saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EVO-829 b'rnanjiera traskurata;

4. saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EVO-829 b’manjiera perikoluza;

5. saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EVO-829 meta kellu l-perjodu tal-validita’ tal-licenzja tas-sewqan skaduta u ghalhekk naqas li ggedded l-istess licenzja ghas-sena kurrenti;

6. saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EVO-829 minghajr ma kellu l-licenzja tas-sewqan;

7. saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EVO-829 minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta’ Lulju, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 44 L.S 65.18 u semghet ix-xhieda kollha u rat il-provi mressqa, kif ukoll semghet lill-partijiet jitrattaw u rat in-nota ta' sottomissjonijiet, sabet lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal hlas ta’ multa ta’ €2,600 (elfejn u sitt mitt ewro) fuq l-akkuzi kollha u ssospenditlu l-licenzja ghall-zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta’ Gunju, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghogobha tirriforma s-sentenza appellata, ossia, dik moghtija fis-26 ta' Gunju 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr. Francesco Depasquale, u dan billi tikkonfermha fejn sabitu hati tal-ewwel sitt akkuzi u tvarjha fejn sabitu hati tas-seba' akkuza billi minnha tilliberah.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi bid-dovut rispett l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament tal-ligi u tal-fatti b'mod illi ma fehmitx sew il-vertenza li kellha quddiema.

Illi mill-provi jirrizulta skajccatament illi l-Pulizija Ezekuttiva kienet qed tikkontendi li l-esponent ma kellux assigurazzjoni ghal fatt li huwa kellu l-licenzja skaduta.

Illi kopja tal-polza relattiva ma gietx esebita minhabba li ma kienx in kontestazzjoni l-fatt li attwalment kien hemm polza tal-assigurazzjoni li tkopri ghar-riskji ta' terzi fuq il-vettura de quo.

Illi stranament, minhabba fil-premess, l-esponent ammetta l-ewwel sitt imputazzjonijiet pero' ikkontesta akkanitamnet is-seba' akkuza.

Illi in effetti, l-esponent ha okkazzjoni jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet relattiva u a skans ta' ripetizzjoni qed jerga' jabbraccja l-istess vena ta' argumentazzjonijiet hemm sollevati.

Illi fi ftit kliem l-esponent jikkontendi li huwa ta' ftit relevanzza jekk l-esponent ghandux licenzja valida jew le, l-importanti li jkun hemm polza tal-assigurazzjoni vigenti ghal riskji ta' terzi.

Illi pero', fdan li-istadju u ex abbunatia cautela, l-istanti ihossu kostrett li jesebixxi certifikat tal-polza tal-assigurazzjoni relattiva li qed tigi immarkata bhala Dok A.

Illi stranament, in effetti, din hija l-linja li hadet l-istess Qorti fl-istess gurnata u cioe fis-26 ta' Gunju 2012 fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs David Pace.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda biss is-seba' akkuza migjuba kontra l-appellant li tghid testwalment:
"saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EVO 829 minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni".

Dan ifisser illi jekk l-appellanti jaghmel hsara lill-terz, l-assikurazzjoni ma thallasx lit-terz tad-danni li garrab minhabba s-sewqan ta' l-appellant. Illi fil-mori ta' dan l-appell xehed ir-rappresentant tal-assikurazzjoni tal-vettura li kien qed isuq l-appellant. Minn din ix-xhieda jirrizulta li din il-polza hija ntestata lil Antonio Giannetti, missier l-appellant, u l-istess Antonio Giannetti hu l-uniku sewwieq awtorizzat biex isuq din il-vettura. Tqum il-kwistjoni jekk l-appellant kien kopert b'din l-assikurazzjoni. Ir-rappressentant tal-assikurazzjoni xehed li anki jekk din il-vettura kienet qed tigi misjuqa mill-appellant l-assikurazzjoni kienet tkopri d-danni li setghu saru mill-appellant. Ghalhekk, hu car li t-terz li jgarrab kwalunkwe tip ta' hsara hu kopert. Naturalment, hu car li l-appellanti jkun soggett ghall-azzjoni da parti tal-assikurazzjoni ghar-refuzjoni tal-flus li tkun hallset l-assikurazzjoni biex tkopri t-terz.

Illi hu car li f'kazijiet bhal dawn il-ligi tesigi li t-terz jigi dejjem salvagwardat minn kwalunkwe persuna li tkun qed issuq. Dan l-argument ma jreggix jekk il-vettura in kwistjoni ma tkunx kopert b'ebda forma ta' assikurazzjoni. F'dan il-kaz partikolari kien hemm polza ta' assikurazzjoni valida li tkopri l-vettura meritu ta' dan il-kaz.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati fuq l-ewwel sitt akkuzi. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata dwar is-seba' akkuza u tillibera lil Mirko Giannetti minn din l-imputazzjoni u piena. Dwar il-piena thassar u tirrevoka l-piena ghal hlas ta' multa ta' elfejn u sitt mitt euro (€2,600) u is-sospensjoni

tal-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sena u minflok tikkundanna lill-appellant ghal hlas ta' multa ta' mitejn u tletin euro (€230) u tissospendi l-licenzja tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' tlett xhur, liema perjodu jibda jiddekorri min-nofs in-nhar tat-23 ta' Jannar, 2014.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------